# IL-GHANJA TA' PAWLINU*

*Tifel bil-għaqal*
*Pawlinu tagħna,*
*Jagħmel kemm jista'*
*Biex jaqbel magħna.*

*Tifel tal-ġabra,*
*Li jibża' għaż-żmien;*
*Barra minn ħinu*
*ma jmur imkien.*

*Jiġi filgħodu,*
*Biex jgħin quddiesa,*
*Għat-tokk tas-sebgħa*
*Widnejh għassiesa.*

*Minuta qabel*
*Ma jiġix ħdejk:*
*Biex tarah jilbes*
*Trid tkedd għajnejk*

*Iżda ftit wara*
*Jiġi kultant...*
*U l-ħtija taqa'*
*Fuq il-kwadrant*

*Ta' l-arloġġ mgħaġġel*
*Li juri ħinu*
*Qabel ma f'waqtu*
*Jasal Pawlinu.*

*Biss darba waħda*
*Iddawwar sewwa...*
*U jien nistenna*
*liebes hawn ġewwa.*

*Għaddew xi erba',*
*Ħames minuti...*
*Jien ħriġt inqaddes,*
*Biex naqdi 'l ħuti.*

*F'nofs il-Vanġelu,*
*Wasal Pawlinu,*
*U stagħġeb, stagħġeb*
*Kif ma ġiex f'ħinu,*

*U sabiex jista'*
*Jinħall mill-ħtija*
*Ġiebli raġuni*
*Li tiswa mija.*

*Iżda b'dan kollu,*
*Mill-qrib, mill-bgħid,*
*Pawlinu tagħna*
*Ma fihx xi tgħid,*

*U drabi nħossni*
*Nixtieq malajr,*
*Nagħtih xi ktejjeb*
*Biex nizzih ħajr.*

DUN KARM

* Pawlinu Sciberras il-lum għandu wieħed u għoxrin sena u huwa Soċju tal-M.U.S.E.U.M. Sydney l-Awstralja. Meta kont Sydney dan l-aħħar Pawlinu wrieni l-oriġinal ta' dawn il-versi miktuba minn idejn Dun Karm Psaila stess, b'kaligrafija soda u ċara, imma mhux iffirmati. Ma naħsibx li tezisti kopja oħra qalb il-MSS tal-Poeta u għalhekk tlabt 'il Pawlinu l-permess li nibgħathom għar-rivista.

DUN ĠUSEPP ABELA — 28.10.63